



Brussell, 8 ta' Ġunju 2020
(OR. en)

8635/20

STAT 11
FIN 344
INST 104

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 8102/20	
Suġġett:	Rapport Speċjali Nru 15/2019 tal-Qorti tal-Awdituri intitolat "Implimentazzjoni tal-pakkett ta' riformi tal-persunal tal-2014 fil-Kummissjoni - Iffrankar sinifikanti, iżda mhux mingħajr konsegwenzi għall-persunal" - Konklużjonijiet tal-Kunsill (4 ta' Ġunju 2020)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 15/2019 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, intitolat "Implimentazzjoni tal-pakkett ta' riformi tal-persunal tal-2014 fil-Kummissjoni - Iffrankar sinifikanti, iżda mhux mingħajr konsegwenzi għall-persunal", kif adottati bil-proċedura bil-miktub fl-4 ta' Ġunju 2020.

Konklużjonijiet tal-Kunsill
dwar ir-Rapport Speċjali Nru 15/2019 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titlu:
"Implimentazzjoni tal-pakkett ta' riformi tal-persunal tal-2014 fil-Kummissjoni -
Iffrankar sinifikanti, iżda mhux mingħajr konsegwenzi għall-persunal"

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

1. JILQA' ir-Rapport Speċjali Nru 15/2019 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (minn hawn 'il quddiem "il-Qorti"), intitolat "Implimentazzjoni tal-pakkett ta' riformi tal-persunal tal-2014 fil-Kummissjoni - Iffrankar sinifikanti, iżda mhux mingħajr konsegwenzi għall-persunal" (minn hawn 'il quddiem "ir-rapport");
2. JIRRIKONOXXI li r-rapport jikkostitwixxi bażi utli għal aktar riflessjoni u analiżi; JIEĦU NOTA tal-fehmiet ta' grupp ta' Stati Membri li ma jaqblux mal-konklużjonijiet tiegħu, b'mod partikolari fir-rigward tal-valutazzjoni tal-ammont globali totali ta' ffrankar u l-konsegwenzi negattivi għall-persunal tal-Kummissjoni;
3. JIRRIKONOXXI t-titjib b'mod progressiv fil-bilanċ bejn il-ġeneri fil-grad kollha fil-Kummissjoni u JAPPELLA għal azzjoni kontinwa f'dan ir-rigward fl-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji kollha tal-UE; JIEĦU NOTA tal-valutazzjoni tal-Qorti rigward forza tax-xogħol li qed tixjieħ u JIRRIKONOXXI l-ħtieġa li jiġu żviluppati politiki tar-riżorsi umani effettivi u inklużivi u li jiġu mmonitorjati l-effetti ta' din l-evoluzzjoni;

4. IFAKKAR li r-reklutaġġ irid ikollu l-mira li jiżgura li l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji jkollhom is-servizzi ta' uffiċjali tal-ogħla standard ta' kapaċità, effiċjenza u integrità, irreklutati mill-aktar bażi ġeografika wiesgħa possibbli minn fost iċ-ċittadini tal-Istati Membri tal-Unjoni, u jrid ikun ibbażat fuq il-mertu; JISSOTTOLINJA, b'mod partikolari, li rappreżentanza ġeografika bilanċjata fi ħdan is-servizz pubbliku tal-UE hija meħtieġa biex l-UE tilħaq l-għan tagħha li tkun qrib iċ-ċittadini kollha tal-UE, kif ukoll li tirrifletti d-diversità tal-Istati Membri tagħha; JINNOTA li l-metodu tal-Kummissjoni ta' proporzjonalità digressiva fil-valutazzjoni tal-iżbilanċi ġeografiċi ("rati ta' gwida")¹ ipprova bażi xierqa għat-twettiq ta' kwalunkwe studju ulterjuri iżda JIRRIKONOXXI li l-Qorti kellha kamp ta' applikazzjoni usa' f'termini ta' gruppi ta' funzjonijiet u firxa ta' gradi;
5. IFAKKAR li r-Regolamenti tal-Persunal obligaw lill-Kummissjoni tipprovdi rapporti lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew, li jinkludu:
- (a) rapport li jivvaluta l-funzjonament tar-Regolamenti tal-Persunal, li għandu jiġi ppreżentat sal-31 ta' Diċembru 2020, meħtieġ mill-Artikolu 113 tar-Regolamenti tal-Persunal u l-Artikolu 142a tal-Kondizzjonijiet tal-Impjieġ Applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea;
 - (b) rapport li jivvaluta jekk, b'mod partikolari, l-evoluzzjoni tal-kapaċità tal-akkwist ta' remunerazzjoni u pensjonijiet tal-uffiċjali tal-Unjoni hijiex f'konformità mal-bidliet fil-kapaċità tal-akkwist tas-salarji tas-servizzi pubbliċi nazzjonali fil-gvernijiet ċentrali, li għandu jiġi ppreżentat sal-31 ta' Marzu 2022, meħtieġ mill-Artikolu 15 tal-Anness XI tar-Regolamenti tal-Persunal;
 - (c) rapport dwar il-bilanċ attwarju tal-Iskema tal-Pensjonijiet għall-Uffiċjali tal-UE u l-implikazzjonijiet baġitarji ta' dawk ir-regoli attwarji, li għandu jiġi ppreżentati fl-2022, meħtieġa mill-Artikolu 14 tal-Anness XII tar-Regolamenti tal-Persunal;

¹ Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skont l-Artikolu 27 tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali u l-Artikolu 12 tal-Kondizzjonijiet tal-Impjieġ ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea (Bilanċ ġeografiku) COM(2018)377 final.

- (d) rapport dwar l-età tal-pensjoni, li jeżamina, b'mod partikolari, l-evoluzzjoni tal-età tal-pensjoni għall-persunal fis-servizzi pubbliċi tal-Istati Membri u l-evoluzzjoni tal-istennija tal-għomor ta' uffiċjali tal-istituzzjonijiet, li għandu jinħareġ kull ħames snin, meħtieġ mill-Artikolu 77(6) tar-Regolamenti tal-Persunal;
- (e) rapport wara perijodu ta' tliet snin li jibda mill-1 ta' Jannar 2014 dwar miżuri xierqa meħuda mill-istituzzjonijiet sabiex jiġu indirizzati l-iżbilanċi sinifikanti bejn in-nazzjonalitajiet fost l-uffiċjali li mhumiex ġustifikati bi kriterji oġġettivi, meħtieġ mill-Artikolu 27 tar-Regolamenti tal-Persunal;
- (f) rapport annwali dwar l-użu tal-aġenti kuntrattwali, meħtieġ mill-Artikolu 79 tar-Regolamenti tal-Persunal;

6. JISTIENEN lill-Kummissjoni biex, fit-tweġġ fil-ħin ta' daww l-obbligi ta' rappurtar miftiehma, twettaq l-istudji u l-analiżi komplementari meħtieġa, li għandhom, fost l-oħrajn:

- (i) jestendu l-kamp ta' applikazzjoni tal-valutazzjoni tal-funzjonament tar-Regolamenti tal-Persunal lil hinn mill-Kummissjoni għall-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji kollha tal-Unjoni;
- (ii) jindirizzaw l-issodisfar tal-oġġettiv li jintlaħaq t-tnaqqis ta' 5 % ta' pożizzjonijiet fil-pjanijiet ta' stabbiliment matul il-perijodu 2013-2017 fl-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji kollha², li l-importanza tiegħu kienet enfasizzata mill-Kunsill fil-konklużjonijiet tiegħu dwar il-linji gwida baġitarji għall-2020³;
- (iii) janalizzaw il-firxa u l-implikazzjonijiet baġitarji taż-żieda fl-użu tal-persunal kuntrattwali;
- (iv) janalizzaw il-firxa u l-implikazzjonijiet baġitarji taż-żieda fl-użu tal-esternalizzazzjoni b'mod ġenerali;
- (v) janalizzaw it-tfaddil tal-pensjonijiet miksub fir-rigward tal-evoluzzjoni tal-ispejjeż tal-pensjonijiet, jimmonitorjaw l-iżvilupp tal-età effettiva tal-irtirar u jużaw data komparattiva aġġornata rigward is-sistemi tal-pensjonijiet tal-Istati Membri⁴;

² European Court of Auditors' Rapid case review of 21 December 2017 on the implementation of 5% reduction of staff posts, <https://www.eca.europa.eu/en/Pages/DocItem.aspx?did=44567> (Analiżi Rapida dwar Każ Speċifiku tal-Qorti tal-Awdituri tal-21 ta' Diċembru 2017 dwar l-implementazzjoni tat-tnaqqis ta' 5 % tal-pożizzjonijiet għall-persunal - traduzzjoni mhux uffiċjali)

³ Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-linji gwida baġitarji għall-2020, para. 32.

⁴ Eż., data miksuba mill-Grupp ta' Ħidma tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-Artikolu 83, OECD Pension Outlook 2018, Pensions at a Glance 2019: OECD and G20 Indicators.

- (vi) jivvalutaw l-attrattività ġenerali tas-servizz pubbliku Ewropew kemm mill-perspettiva tal-persunal attwali (dawran, sodisfazzjon fix-xogħol) kif ukoll mill-perspettiva ta' dawk li qed ifittxu x-xogħol;
- (vii) jimmonitorjaw il-bilanċ tal-orijini ġeografika ("bilanċ ġeografiku") fi ħdan is-servizz pubbliku Ewropew u jqisu elementi addizzjonali pprovduti fir-rapport tal-Qorti, bħal kamp ta' applikazzjoni usa' tal-gruppi ta' funzjonijiet u tal-grad;
- (viii) jipprovdu ċifri għall-iffrankar nett li sar mill-2014 'il quddiem, filwaqt li jitqiesu l-fatturi msemmija hawn fuq.

7. IQIS li huwa importanti, fid-dawl tal-valutazzjoni tal-Qorti dwar l-impatt tar-riforma fuq il-persunal tal-Kummissjoni, li jiġu evalwati l-effetti u l-impatt tal-pakkett ta' riformi tal-2014 u l-konsegwenzi tiegħu għall-persunal qabel ma jiġu introdotti xi bidliet ġodda, filwaqt li jitqiesu kwalunkwe ħtiġijiet ta' effiċjenza.
